TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 190/16/F

**Krista Jeffery**

**vs**

**Jonathan Callus eżerċenti l-kummerċ bħala Callus Landscaping**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett elef, u ħames mitt Ewro (€3,500), rappreżentanti xogħol inferjuri li sar bħala landscaping u li ma tlestiex ix-xogħol.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' landscaping fil-biċċa ta' wara tad-dar tagħha. Hija ppreżentat serje ta' dokumenti u stimi ta' xogħol li kien sar, kif ukoll diversi ritratti li juru d-dewmien u n-nuqqasijiet. Fost in-nuqqasijiet hemm is-cement lane tal-front porch sar ħażin, kien hemm ukoll ksur tad-drain cover. Neħħew ammont sostanzjali ta' ħamrija li qatlu l-pjanti kollha, neħħew il-green fence, s-siġra tal-lumi osfrot u l-boundry wall ma sarx tajjeb.

L-intimat kien mar fuq is-sit u qal li jista' jirranġa kollox pero' għandu bżonn aktar flus u r-rikorrenti rrifjutat li tħallas aktar flus. Minkejja li kienu ftehmu fuq ix-xogħol rimedjabbli, l-intimat beda x-xogħol pero' kien xogħol ta' kwalita' inferjuri u għalhekk ix-xogħolijiet twaqqfu.

Minħabba t-teknika tal-każ, it-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex ilesti rapport ta' x'ġara u ma ġarax.

Illi t-Tribunal ra r-rapport ta' l-espert is-Sur Vincent Ciliberti, fejn fil-konklużjonijiet tiegħu qal illi x-xogħolijiet li saru ġja jeċċedu l-ammont ta' erbat elef, disa' mija u sitta u disgħin (€4,996.50) li huwa d-depożitu li diġa' ħallset ir-rikorrenti, li għat-Tribunal ifisser illi li għal flus li diġa' ħallset ir-rikorrenti, x-xogħolijiet diġa' saru.

Tenut kont tal-konklużjoni tal-perit tekniku, tenut kont tal-fatt illi diġa' ħallas ammont sostanzjali tenut kont illi saru xi xogħolijiet fil-post li ma tkomplewx.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, m'għandux għażla ħlief illi jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**